MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1788/1998/2

**Margaret Attard**

**v.**

**Dr. Ian Spiteri Bailey u l-PL Madelene Firman li b'digriet tas-7 ta' Ottubru 1998, gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Maria Carmela Castle u l-avukat Dottor Victor Emmanuel Ragonesi bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Anthony Theuma Castelletti maghruf bhala Anthony Castle**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:
"Peress illi fit-22 ta’ Marzu,1994, miet Anthony Theuma Castelletti maghruf bhala Anthony Castle b’tlett testmenti, tnejn unica charta ma’ martu Lucia Theuma Castelletti maghrufa bhala Lucia Castle tat-23 ta’ Lulju, 1982 (Dok.A) u tas-6 ta’Gunju, 1984 (Dok.B) atti Nutar Dottor Paul Pulicino u iehor tas-26 ta’ Dicembru, 1986 (Dok C) fl-atti ta’ l-istess Nutar li permezz taghhom istitwixxa bhala eredi lil bintu unika l-konvenuta Maria Carmela Castle in kwantu ghal zewg terzi indivizi ta' l-eredita` u lill-attrici inkwantu ghar-rimanenti terz indiviz ta’ l-istess eredita` u nnomina l-konvenut l-avukat Dottor Victor Emanuel Ragonesi bhala ezekutur testamentarju liema nomina giet ikkonfermata provizorjament mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili b’digriet taghha tat-28 ta’ Novembru 1996;

"Peress illi l-maggor parti ta' l-assi ereditarji tal-fuq imsemmi l-mejjet Anthony Theuma Castelletti jikkonsistu f’depositi bankarji, depositi ohra u flus li jinsabu l-Ingilterra li kienu fil-kura u taht l-amministrazzjoni tal-konvenuta Maria Castle;

"Peress illi skond ma gie referit lill-attrici mill-konvenut Dottor Ragonesi, l-istess Dottor Ragonesi bhala ezekutur testamentarju ma giex moghti l-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet kollha rikjesti minnu mill-konvenuta Maria Castle biex tigi stabbilita l-konsistenza ta’ l-assi ereditarji tal-fuq imsemmi mejjet Anthony Theuma Castelletti u b’hekk ma jistax jespleta l-mansjonijiet tieghu ta’ ezekutur testamentarju;

"Peress illi bhala eredi in kwantu ghal terz indiviz ta’ l-eredita` tal-mejjet Anthony Theuma Castelletti maghruf bhala Anthony Castle, l-attrici ghandha interess illi tigi stabbilita l-konsistenza ta' l-assi ereditarji u ghal dan il-fini li tinghata l-informazzjoni kollha inkluz dokumenti li huma relavanti u/jew necessarji;

"Jghidu l-konvenuti jew min minnhom in vista tal-premess ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

"1. Tordna lill-istess konvenuti jew min minnhom li jaghtu lill-attrici l-informazzjoni kollha inkluz dokumenti li huma relevanti u/jew necessarji biex tigi stabbilita’ l-assi ereditarji tal-mejjet Anthony Theuma Castelletti maghruf bhala Anthony Castle li miet fit-22 ta’ Marzu, 1994;

"2. Tawtorizza l-hrug u l-ezekuzzjoni ta’ mandat in factum kontra l-konvenuti jew min minnhom fil kaz li l-istess konvenuti jonqsu li jottemperaw ruhom mill-ordni msemmija fl-ewwel talba;

"3. Tiddikkjara l-assi ereditarji tal-mejjet Anthony Theuma Castelletti maghruf bhala Anthony Castle jikkonsistu fil-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u/jew bhala rizultat ta’ l-ordni msemmija fl-ewwel talba.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew minnhom li huma ingunti ghas-subizzjoni.

"B’rizerva ta’ kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attrici kontra l-konvenuti jew min minnhom."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li in forza taghha eccepew illi:
"Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jirrispondu f’aktar dettal u precizjoni fi stadju ulterjuri.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota ta' l-eccezzonijiet ulterjuri ta' l-istess konvenuti kuraturi li in forza taghha eccepew illi:
"Illi b’zieda ma’ l-eccezzjonijiet gia` moghtija mill-esponenti u wara li huma kkorispondew ma’ l-assenti Maria Carmela Castle u l-Avukati taghha Inglizi, Rowberry Marris, ta’ Reading l-Ingilterra, qieghdin jaghtu s-segwenti eccezzjonijiet ulterjuri;

"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-ditt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici;

"Illi preliminarjament l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ l-Artikolu 741 (a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante illi, kif anke permess fit-tieni premessa ta’ l-attrici, l-assi ereditarji jikkonsistu f’assi esteri u cioe`, assi li jinsabu l-Ingilterra, u ghalhekk ai termini ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, “............ il-gurisdizzjoni tal-Qrati Superjuri hija generali ghal Malta’’,

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esekutur testamentarju Dottor Victor Ragonesi, hawnhekk ukoll konvenut, gie pprovdut sia mill-assenti Maria Carmela Castle u sia mill-Avukati taghha msemmija hawn aktar il-fuq, bl-informazzjoni kollha relattiva dwar l-assi ereditarji tal-mejjet Anthony Castle u kien ghalhekk il-konvenut Dr. Ragonesi kellu l-obbligu li jaghti kull informazzjoni lill-eredi l-ohra, b’dan illi n-nuqqas ta’ l-istess konvenut Dr. Ragonesi m’ghandhiex tbati ghalih l-assenti Maria Carmela Castle u huwa ghalhekk illi hi tipprotesta ruhha wkoll ghal kwalsiasi spejjez inutli li tista’ tinkorri;

"Illi fil-fatt klenet saret anke allegazzjoni u konsegwenti rapport da parti ta’ l-istess Esekutur Testamentarju kontra Maria Carmela Castle u kien gie stabbilit anke mill-Fraud Investigation Branch ta’ Reading, l-Ingilterra, illi l-istess allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet fil-konfront taghha kienu infondati, u li ma setghu jittiehdu ebda passi fil-konfront taghha;

"Illi in vista ta’ dan, l-assenti Maria Carmela Castle ma ghandhiex aktar informazzjoni x’taghti minn dak ga pprovdut lill-Esekutur Testamentarju u l-assi hemmhekk deskritti ghandhom jigu dikjarati minn din l-istess Qorti, bhala l-assi formanti dawk ereditarji ta’ l-imsemmi Anthony Castle;

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Victor E Ragonesi nomine li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. illi bhala esekutur testamentarju, huwa ma setghax jesplika l-mansjonijiet tieghu ghaliex kemm il-konvenuta kif ukoll l-avukati taghha Inglizi ma jridux jaghtu l-

informazzjooni minnu rikjesta u li stess avukati Inglizi agixxew b' mod kundannabbli etikament, tant li l-eccipjent informa lill-Onorevoli Imhallef tas-Sekond Awla u ottjena direttivi min ghandu, kif jigi pruvat b'riferiment ghar-rikors li sar;

"2. Illi d-decujus kellu assi f'Malta, u parti l-konvenuta iddisponiet minnu u ma riedtx taghti informazzjoni kif mitluba.

"3. Illi ghal dak li jirrigwarda d-domandi attrici, l-eccepjenti jissottometti ruhu ghal dak li din l-Onorabbli Qorti tistabbilixxi u tordna.

"4. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2000, li in forza taghha laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti (dik marbuta mal-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin) u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat li kontra din is-sentenza gie intavolat appell mill-attrici u din il-Qorti, diversament komposta, b'sentenza tal-15 ta' Marzu 2004, laqghet l-appell, irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u ordnat li l-atti tal-kawza jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawza skond il-ligi;

Rat is-sentenza fil-meritu moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2005, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u minflok tilqa' it-talbiet ta' l-attrici appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata;

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat li b'nota pprezentata fl-14 ta' Dicembru 2007, l-appellanti cediet l-atti tal-kawza fil-konfront ta' l-appellat Dr. Victor Ragonesi LL.D.;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-mejjet Anthony Theuma Cestelletti, maghruf bhala Anthony Castle, kien hatar lill-bintu, il-konvenuta Maria Carmela Castle, biex tamministra hwejjgu. Dan Anthony Theuma Castelletti miet fit-22 ta' Marzu 1994, u hatar bhala ko-eredi tieghu l-imsemmija bintu, fi grad ta' zewg terzi, u lill-attrici, fi grad tar-rimanenti terz indiviz; l-Avukat Dottor Victor Ragonesi inhatar ezekutur testamentarju. Il-maggor parti ta' l-assi tal-mejjet Theuma Castelletti jikkonsistu f'depoziti bankarji li jinsabu l-Ingilterra. L-attrici bhala ko-eredi, talbet dettalji ta' dawn il-kontijiet minghand il-konvenuta peress li din kienet tiehu hsieb dawn id-depoziti bankarji bhala mandatarja ta' missierha. L-imsemmija konvenuta ma ghaddietx l-informazzjoni kollha rikjesta, u l-attrici fethet din il-kawza fejn qed titlob li tinghata l-informazzjoni kollha necessarja biex tigi stabbilita l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tal-mejjet Anthony Theuma Castelletti.

Fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti, irrizulta li l-konvenuta kienet f'korrispondenza ma' Dr. Ragonesi fuq din il-kwistjoni, u kienet ghaddietlu informazzjoni dwar id-depoziti bankarji u anke baghtitlu *bank statements*. Dawn gew esebiti f'din il-kawza, pero`, kemm l-ezekutur testamentarju kif ukoll l-attrici allegaw li hemm somom sostanzjali ohra li l-konvenuta qed tahbihom jew dawret fuq isimha.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, qalet li ma rrizultalhiex li l-konvenuta approprijat ossia dawret ghal fuq isimha xi flus li kienu jappartjenu lil missierha jew li hemm xi depoziti ohra, u allura ddecidiet li mhux il-kaz li tordnalha tghaddi xi informazzjoni ulterjuri aktar minn dak

li hija diga` ghaddiet u li tirrizulta mill-korrispondenza esebita.

L-attrici appellat kontra din is-sentenza, u sostniet li l-konvenuta, bhala mandatarja, ghandha obbligu li taghti rendikont shih u dettaljat ta' l-amministrazzjoni taghha, billi tindika l-assi ezistenti fid-data tal-hatra taghha u dak kollu li ghamlet fir-rigward minn dak il-mument 'il quddiem.

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul fuq il-materja, hija inklinata li taqbel ma' l-argumenti ta' l-attrici. Hu veru li t-talba relattiva fic-citazzjoni mhix felici, pero`, it-talba ghall-"informazzjoni kollha" ghandha tiftiehem bhala talba ghar-rendikont li wahdu jaghti l-"informazzjoni kollha" marbuta ma' l-amministrazzjoni. Mhux kontestatat li l-konvenuta Maria Castle kellha prokura minn missierha u kienet awtorizzata topera d-diversi kontijiet bankarji li dan kellu fl-Ingilterra. Skond l-Artikolu 1875 tal-Kodici Civili, sakemm il-mandatarju ma jinghatax kwittanza mill-principal tieghu, "ghandu jaghti kont lil dan ta' dak kollu li jkun ghamel u ta' dak kollu li jkun ircieva bis-sahha tal-mandat", u jekk il-principal ikun lahaq miet, spetta ghall-eredi li jitolbu dan il-kont. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Gauci v. Mugliette**, deciza fid-9 ta' Frar 2001, persuna li tkun giet imqabbda mid-*decujus* bhala prokuratur tieghu, tista' tigi mitluba mill-eredi taghti rendikont ta' l-amministrazzjoni taghha. Dan ir-rendikont irid jinghata mill-mandatarja, u mhux minn xi terzi, bhal banek Inglizi; l-obbligu li l-mandatarju jaghti kont tal-mandat tieghu ma jigix estint minhabba l-fatt li bank ma jkollux aktar disponibbli l-informazzjoni fuq il-kontijiet billi dawn jigu distrutti wara certu zmien.

Fl-Artikolu 389 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hemm stabbilit dak li huwa mehtieg meta ssir talba gudizzjarja ghall-ghoti ta' rendikont u ghal-likwidazzjoni ta' frottijiet. Bhala regola generali huwa previst li kull min hu obbligat li jaghti kont ghandu jipprezentah bid-dokumenti kollha li jiggustifikawh. L-Artikolu 390 inoltre jiddisponi li tali kont ghandu jkun fih tifsira cara tal-hwejjeg li taghhom ghandu jinghata kont, il-partiti tad-dhul, il-partiti tan-nefqa u l-bilanc li ghad irid jidhol u l-hwejjeg li ghandhom jittiehdu lura.

Huwa rendikont f'dan is-sens li ghandu jigi pprezentat mill-konvenuta, u darba dan jigi pprezentat, il-kont ikun jista' jigi kkontestat kif jghid l-Artikolu 392 ta' l-imsemmi Kap. 12.

Il-ligi tipprovdi wkoll, fl-Artikolu 394(1), x'jista' jigri f'kaz li l-parti li tkun giet ordnata, skond is-sentenza, li tipprezenta kont, tonqos li taghmel dan fi zmien stabbilit. Li hu zgur hu li, f'dawn il-proceduri, din il-Qorti ma tistax tordna l-hrug ta' mandat *in factum* kif talbet l-attrici. Talba ghal hrug ta' mandat *in factum* tista' issir biss meta l-obbligazzjoni hi wahda *di fare*, b'rikors *ad hoc* wara sentenza u biex tigi esegwita dik is-sentenza (ara **Schembri v. Camilleri**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Gunju 2003, u l-gurisprudenza hemm indikata). Dan il-mandat ghandu jkun precedut minn sentenza li tkun ikkundannat lill-konvenut sabiex jesegwixxi xi att li jibqa' mhux esegwit u l-Qorti trid tara li tali mandat huwa necessarju sabiex tigi esegwita s-sentenza.

Lanqas ma tista', f'dan l-istadju, tghaddi biex tilqa' it-tielet talba attrici. Meta parti tkun giet ordnata tipprezenta rendikont, il-kwistjoni quddiem il-Qorti ghandha tieqaf hemm, peress li l-ligi stess tipprovdi rimedji ghan-nuqqas. F'dan l-istadju, ghalhekk, il-Qorti sejra tilqa' biss l-ewwel talba attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici billi tilqa' l-istess in parte, tirrevoka u thassar is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u minflok tipprovdi billi tilqa' l-ewwel talba u tipprefiggi lill-konvenuta Maria Carmela Castle terminu ta' xahrejn mil-lum biex tghaddi lill-attrici l-informazzjoni kollha, fis-sens ta' rendikont dettaljat, ta' l-amministrazzjoni taghha ta' l-assi tal-mejjet missierha Anthony Theuma Castelletti; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attrici.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk ta' prim istanza, jithallsu kwantu ghall-kwart (¼) mill-attrici u tlett kwarti (¾) mill-konvenuta Maria Carmela Castle.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------